C/2023/1641

22.12.2023

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

(C/2023/1641)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-entitajiet li jidhru fl-Anness IX tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u fl-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

Il-Kunsill qed jipprevedi li jżomm il-miżuri restrittivi li jikkonċernaw dawk l-entitajiet.

L-entitajiet ikkonċernati huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu l-informazzjoni relatata maż-żamma tal-miżuri restrittivi sad-29 ta' Diċembru 2023, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu